



Brussell, 28 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15895/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0303(NLE)

RESUA 20
FIN 1037
ECOFIN 1350
ELARG 166
COEST 669
DEVGEN 186

NOTA

Suġġett: Anness tad-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament tat-tieni pagament parzjali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tal-appoġġ fil-forma ta' self skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna

ANNESS

Valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-passi marbuta mat-tieni pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

F'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/792 tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna¹, fl-10 ta' Ottubru 2024 l-Ukrajna ppreżentat talba għall-ħlas tat-tieni pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna. Biex tappoġġa t-talba għall-pagament, l-Ukrajna pprovdiet ġustifikazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti ta' tmienja mid-disa' passi tat-tieni pagament parzjali kif jinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna². Fis-17 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' osservazzjoni fejn talbet ġustifikazzjoni għall-ilħuq sodisfaċenti tal-pass nieqes (Pass 4.4), kif ukoll dokumenti ta' ġustifikazzjoni addizzjonali li jikkonċernaw passi oħra. Fil-31 ta' Ottubru 2024, l-Ukrajna ppreżentat l-evidenza meħtieġa li tiġġustifika kif xieraq l-ilħuq sodisfaċenti tad-disa' passi kollha.

Għalhekk, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ukrajna, id-disa' passi kollha jitqiesu li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Bħala parti mill-kapitolu dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus, ittieħdu l-miżuri li ġejjin: i) żieda fil-persunal għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni; ii) emenda tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali; u iii) adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2023-2025.

Bħala parti mill-kapitolu dwar il-Kapital Uman, ġiet adottata l-Istrateġija għall-Iżvilupp Demografiku.

Bħala parti mill-kapitolu dwar l-Ambjent tan-Negożju, ġie adottat il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-deregolamentazzjoni. Bħala parti mill-kapitolu dwar id-Deċentralizzazzjoni, ġiet adottata l-Istrateġija tal-Istat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-2021-2027.

Bħala parti mill-kapitolu dwar l-Enerġija, ġiet adottata l-leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-liġi REMIT. Bħala parti mill-kapitolu dwar it-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Protezzjoni Ambjentali ttieħdu l-miżuri li ġejjin: i) adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-tniġġis industrijali; u ii) il-pubblikazzjoni ta' nota kunċettwali dwar id-devjazzjonijiet mir-regoli dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u l-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika.

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna, ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/792/mt>.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/mt).

1) Pass 4.1

Isem tal-pass: Żieda fil-manodopera għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 1. Żvilupp tal-kapaċità istituzzjonali tal-qafas kontra l-korruzzjoni
Iffinanzjat minn: Appoġġ mhux ripagabbli
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 4.1 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"L-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni jingħata l-opportunità li jżid il-manodopera tiegħu minn 10 % għal 15 % tal-manodopera tal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni".</i> Il-pass 4.1 huwa t-tieni pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 1 tal-Kapitolu 4 (Il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus). Dan kien preċedut mill-pass 4.2, dovut sat-tieni trimestru tal-2024, li ħatar kap ġdid tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, u huwa segwit mill-pass 4.3, dovut sal-ewwel trimestru tal-2025, li għandu l-għan li jżid il-manodopera għall-Qorti Għolja Kontra l-Korruzzjoni.
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3509-IX "Dwar l-emendi tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna u ta' atti leġiżlattivi oħra tal-Ukrajna dwar it-tisħiħ tal-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni" bid-data tat-8 ta' Diċembru 2023; 3) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 1697-VII "Dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur" bid-data tat-18 ta' Mejju 2024; 4) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3460-IX "Dwar il-Baġit tal-Istat tal-Ukrajna għall-2024" bid-data tal-21 ta' Settembru 2024; 5) Kopja tad-Digriet tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna Nru 520-r "Dwar ir-ridistribuzzjoni ta' xi nefqiet tal-baġit tal-istat previsti għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali għall-2024" bid-data tas-7 ta' Ġunju 2024; 6) Kopja tal-abbozz ta' Liġi tal-Ukrajna Nru 12000 "Dwar il-Baġit tal-Istat tal-Ukrajna għall-2025" bid-data tal-14 ta' Settembru 2024; 7) Kopja tan-nota ta' spjegazzjoni tal-abbozz ta' Liġi tal-Ukrajna Nru 12000 "Dwar il-Baġit tal-Istat tal-Ukrajna għall-2025" bid-data tal-14 ta' Settembru 2024.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 4.1.

L-oġġettiv ġenerali tar-Riforma 1 tal-Kapitolu 4 huwa li tiżdied il-kapaċità ġenerali tal-infrastruttura kontra l-korruzzjoni biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni. Il-Parlament adotta l-Liġi tal-Ukrajna Nru 3509-IX dwar l-emendi tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna u ta' atti leġislattivi oħra tal-Ukrajna dwar it-tisħiħ tal-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni (SAPO, Specialised Anti-Corruption Prosecutor's Office) fit-8 ta' Diċembru 2023 (minn hawn 'il quddiem il-"Liġi"). L-għan ġenerali tal-liġi huwa li ttejjeb l-indipendenza istituzzjonali u organizzattiva tas-SAPO. L-Artikolu 11 tal-Kapitolu 2 tal-Liġi jemenda l-Artikolu 14 tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 1697-VII dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur li jistabbilixxi li l-manodopera tas-SAPO huwa 15 % tan-numru massimu statutorju ta' dipartimenti ċentrali u territorjali tal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (NABU, National Anti-Corruption Bureau).

Il-baġit totali allokat lis-SAPO fil-Liġi tal-Ukrajna dwar il-Baġit tal-Istat tal-Ukrajna għall-2024 kien ta' UAH 203,3 miljun, li minnhom UAH 150,1 miljun għall-persunal. Dan l-ammont kompli jżiddied fl-2024 permezz tad-diversi emendi tal-liġi baġitarja tal-istat. L-abbozz tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 12000 dwar il-Baġit tal-Istat tal-Ukrajna għall-2025 tal-14 ta' Settembru 2024 ippropona l-allokazzjoni ta' UAH 336 miljun għall-baġit tas-SAPO, li minnhom UAH 256,9 miljun għall-persunal, żieda ta' 71 % fil-finanzjament għall-2025. Filwaqt li l-Liġi tal-Ukrajna dwar il-Baġit tal-Istat tal-Ukrajna għall-2025 għadha ma ġietx adottata fiż-żmien ta' din il-valutazzjoni, hemm aspettattiva li dawn l-allokazzjonijiet mhux ser jiġu emendati b'mod sinifikanti. B'mod ġenerali, b'dawn l-allokazzjonijiet finanzjarja fis-seħħ, s-SAPO ser ikollu l-mezzi meħtieġa biex iżid il-manodopera tiegħu minn 10 % għal 15 % tal-manodopera tal-NABU.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti

2) Pass 4.4

Isem tal-pass: Dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali emendati
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 2. Titjib tal-qafas legali għal għieda aktar effettiva kontra l-korruzzjoni
Iffinanzjat minn: Appoġġ mhux ripagabbli
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 4.4 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"Id-dħul fis-seħħ tal-Liġijiet tal-Ukrajna dwar l-emendar tal-Kodiċi Kriminali tal-Ukrajna u l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna. Il-Liġijiet jiffokaw fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> - <i>it-titjib tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw sentenza fuq talba tal-partijiet;</i> - <i>il-kanċellazzjoni tal-perjodu ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess miż-żmien tar-reġistrazzjoni tal-proċedimenti kriminali san-notifika tas-suspett;</i> - <i>il-miżuri li jippermettu li jiġu deċiżi ċerti kawżi minn imħallef uniku tal-Qorti Għolja Kontra l-Korruzzjoni".</i> Il-pass 4.4 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 tal-Kapitolu 4 (Il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus). Huwa implimentat b'mod parallel mal-pass 4.6 dwar l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2023-2025. Dan huwa segwit mill-pass 4.7, dovut sal-ewwel trimestru tal-2025, dwar id-dħul fis-seħħ tal-Liġi li tirriforma l-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi u bil-pass 4.5, dovut sat-tieni trimestru tal-2026, li għandu l-għan li jadotta u jippubblika l-Istrateġija Kontra l-Korruzzjoni u l-Programm tal-Istat Kontra l-Korruzzjoni għall-perjodu wara l-2025.
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 4033-IX "Dwar l-Emendi tal-Kodiċi Kriminali tal-Ukrajna u tal-Kodiċi Proċedurali Kriminali tal-Ukrajna dwar it-Titjib tar-Regolamentazzjoni dwar sentenzi fuq talba tal-partijiet fi Proċedimenti Kriminali Rigward ir-Reati Kriminali tal-Korruzzjoni u r-Reati Kriminali Relatati mal-Korruzzjoni" bid-data tad-29 ta' Ottubru 2024; 3) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3509-IX "Dwar l-emendi tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna u ta' atti leġiżlattivi oħra tal-Ukrajna dwar it-tisħiħ tal-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni" bid-data tat-8 ta' Diċembru 2023;

- 4) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3655-IX "Dwar l-emendi tal-Artikolu 31 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali tal-Ukrajna dwar it-titjib tal-proċedura għall-proċedimenti kriminali" bid-data tal-24 ta' April 2024;
- 5) Kopja tal-Kodiċi Kriminali tal-Ukrajna Nru 2341-III bid-data tal-5 ta' April 2001;
- 6) Kopja tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna Nru 4651-VI bid-data tat-13 ta' April 2012.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 4.4.

Dwar it-titjib tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw sentenza fuq talba tal-partijiet

Il-Parlament adotta l-Liġi tal-Ukrajna Nru 4033-IX "Dwar l-Emendi tal-Kodiċi Kriminali tal-Ukrajna u tal-Kodiċi Proċedurali Kriminali tal-Ukrajna dwar it-Titjib tar-Regolamentazzjoni dwar sentenzi fuq talba tal-partijiet fi Proċedimenti Kriminali Rigward ir-Reati Kriminali tal-Korruzzjoni u r-Reati Kriminali Relatati mal-Korruzzjoni" fid-29 ta' Ottubru 2024. Il-liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2024. L-għan tal-liġi huwa li żżid l-effiċjenza tal-proċedimenti kriminali f'reati kriminali ta' korruzzjoni billi ttejjeb id-dispożizzjonijiet li jirregolaw sentenza fuq talba tal-partijiet. L-Artikolu 53 tal-Kodiċi Kriminali tal-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem "KK") kif emendat jistabbilixxi li f'każ ta' sentenza fuq talba tal-partijiet fi proċedimenti kriminali rigward reati kriminali ta' korruzzjoni, il-qorti tista' timponi penali addizzjonali fil-forma ta' multa fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu. Barra minn hekk, l-Artikolu 77 tal-KK kif emendat jistabbilixxi li f'każ ta' ħelsien mill-iskontar tas-sentenza prinċipali bi probation, jistgħu jiġu imposti penali addizzjonali, inkluża l-konfiska ta' proprjetà.

L-Artikolu 69(2) tal-KK kif emendat jistabbilixxi li fi proċedimenti kriminali li jikkonċernaw reati ta' korruzzjoni, il-partijiet għall-sentenza fuq talba tal-partijiet jistgħu jaqblu dwar penali fil-forma ta' ċaħda tal-libertà li hija inqas mill-aktar limitu baxx stabbilit fl-artikolu li jippreskrivi s-sanzjoni, soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 469(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem "KPK"). Hija tistabbilixxi wkoll li l-partijiet ma jistgħux jaqblu dwar penali inqas mill-aktar limitu baxx stabbilit fl-Artikolu 63 tal-KK. Skont l-Artikolu 469(2) tal-KPK, sentenza fuq talba tal-partijiet tista' tiġi konklużi f'reati kriminali ta' korruzzjoni, soġġett għal esponiment mis-suspettat jew mill-akkużat ta' persuna oħra li twettaq kwalunkwe reat kriminali ta' korruzzjoni, ikkonfermat b'evidenza, u soġġett għal kumpens sħiħ jew parzjali tad-danni (filwaqt li jitqiesu n-natura u l-grad tal-parteċipazzjoni ta' persuna fl-att kriminali).

L-Artikolu 470 tal-KPK kif emendat jistabbilixxi l-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet għall-konklużjoni ta' sentenza fuq talba tal-partijiet u jiddeskrivi r-rwol tal-Uffiċċju tal-Prosekutur

Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni (SAPO) fi proċedimenti f'sentenzi fuq talba tal-partijiet relatati ma' proċedimenti kriminali li jikkonċernaw reati ta' korruzzjoni. L-Artikolu 474 tal-KPK kif emendat jintroduċi d-dritt għall-partijiet għall-sentenza fuq talba tal-partijiet li jemendaw il-ftehim konkluż qabel id-deliberazzjoni tal-qorti. Barra minn hekk, f'każ li l-qorti tirrifjuta li tapprova l-ftehim, il-partijiet jistgħu jipproponu ftehim ieħor li ma jinkludix l-elementi li kkawżaw ir-rifjut inizjali mill-qorti.

Dwar il-kanċellazzjoni tal-perjodu ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess miż-żmien tar-reġistrazzjoni tal-proċedimenti kriminali san-notifika tas-suspett

Il-Parlament adotta wkoll il-Liġi tal-Ukrajna Nru 3509-IX "Dwar l-Emendi tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna u Atti Leġiżlattivi Oħra tal-Ukrajna għat-Tisħiħ tal-Indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni" fit-8 ta' Diċembru 2023. Il-liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024. L-għan ġenerali tal-liġi huwa li ttejjeb l-indipendenza istituzzjonali u organizzattiva tas-SAPO.

Skont il-qafas legali preċedenti, il-limiti ta' żmien għall-investigazzjonijiet ta' qabel il-proċess ġew ikkalkulati mill-mument li l-informazzjoni tal-proċedimenti kriminali tiddaħħal f'reġistru. L-Artikolu 219 tal-KPK kif emendat jikkonċerna l-perjodu ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess mill-mument tar-reġistrazzjoni tal-proċedimenti kriminali san-notifika tas-suspett u jistabbilixxi li l-perjodu tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess għandu jiġi kkalkulat mill-mument li persuna tiġi nnotifikata b'suspett sal-jum tal-applikazzjoni quddiem il-qorti. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda japplikaw għall-proċedimenti kriminali kollha fejn l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess ma tkunx tlestiet qabel il-jum tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3509-IX.

Dwar il-possibbiltà li ċerti kawżi jiġu deċiżi minn imħallef uniku tal-Qorti Għolja Kontra l-Korruzzjoni

Il-Parlament adotta l-Liġi tal-Ukrajna Nru 3655-IX "Dwar l-Emendi tal-Artikolu 31 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna biex tittejjeb il-Proċedura għat-Twettiq ta' Proċedimenti Kriminali" fl-24 ta' April 2024 u l-liġi daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Mejju 2024. Il-liġi għandha l-għan li ttejjeb l-effettività tal-qafas kontra l-korruzzjoni u żżid l-effiċjenza tal-proċedimenti kriminali billi testendi l-possibbiltà li imħallef uniku jiddeċiedi fil-qorti tal-prim' istanza. Il-liġi temenda l-Artikolu 31 tas-KPK u tistabbilixxi li fil-qorti tal-prim' istanza, il-proċedimenti kriminali għandhom jitmexxew minn imħallef uniku bħala regola. Il-liġi tabolixxi l-eżenzjoni ġenerali rigward il-Qorti Għolja Kontra l-Korruzzjoni u testendi l-possibbiltà ta' aġġudikazzjoni minn imħallef uniku għall-każijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Għolja Kontra l-Korruzzjoni. Ir-regoli emendati dwar il-kompożizzjoni tal-qorti ser japplikaw għal proċedimenti kriminali li fihom is-seduti ma kinux bdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-

Liġi tal-Ukrajna Nru 3655-IX.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti

3) Pass 4.6

Isem tal-pass: Adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2023-2025
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 2. Titjib tal-qafas legali għal ġlieda aktar effettiva kontra l-korruzzjoni
Iffinanzjat minn: Self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 4.6 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"Adozzjoni u pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Kabinett tal-Ministri ta' Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2023-2025."</i> Il-pass 4.6 huwa t-tieni pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 tal-Kapitolu 4 (Il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus). Huwa implimentat b'mod parallel mal-pass 4.4 dwar il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali emendati. Dan huwa segwit mill-pass, 4.7 dovut sal-ewwel trimestru tal-2025 dwar id-dħul fis-seħħ tal-Liġi li tirriforma l-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi, u 4.5 dovut sat-tieni trimestru tal-2026 li għandu l-għan li jadotta u jippubblika l-Istrateġija Kontra l-Korruzzjoni u l-Programm tal-Istat Kontra l-Korruzzjoni għall-perjodu wara l-2025.
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tad-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tal-Ordni Nru 759-r tal-Ministri tal-Kabinett tal-Ukrajna <i>"Dwar l-approvazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2024-2025"</i> bid-data tat-13 ta' Awwissu 2024; 3) Kopja tal-<i>"Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2023-2025"</i> bħala dokument meħmuż mal-Ordni Nru 759-r bid-data tat-13 ta' Awwissu 2024; 4) Hyperlink għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Kabinett tal-Ministri u ritratt tal-iskrin.
Analiżi Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 4.6.

Il-Pjan ta' Azzjoni ġie adottat mill-Kabinett tal-Ministri fit-13 ta' Awwissu 2024, u d-deċiżjoni u l-kopja tal-Pjan ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Kabinett tal-Ministri fl-istess data. Il-Pjan jiddeskrivi l-miżuri li ser jittieħdu biex tiġi implimentata l-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2023-2025, organizzata skont il-ħames għanijiet strateġiċi fl-Istrateġija. Għal kull miżura, il-Pjan ta' Azzjoni jiddeskrivi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-entità responsabbli, u l-outputs u r-riżultati mistennija. Miżuri notevoli avvanzati mill-Pjan jinkludu riformi għall-mekkaniżmi ta' konfiska legali, ir-riforma tar-ritorn tal-assi, u l-investigazzjoni dwar l-assi u l-identifikazzjoni tagħhom.

L-għan strateġiku 1 ikopri t-titjib fil-leġislazzjoni dwar l-irkupru tal-assi, b'mod partikolari l-espansjoni u r-riforma tal-mekkaniżmi ta' konfiska legali, u l-istabbiliment tal-mezzi għall-investigazzjoni dwar l-assi u l-identifikazzjoni tagħhom.

L-għan strateġiku 2 ikopri t-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-infurzar tal-liġi u aġenziji oħra, inkluż billi: jipproponi leġislazzjoni biex jiżiedu l-kapaċità operazzjonali u t-taħriġ fil-qasam tal-irkupru tal-assi; bit-titjib tal-aċċess għar-reġistri, bil-fornituri tad-data korporattiva, bid-data tal-intermedjarji finanzjarji, u bl-analiżi tad-data miftuħa; u bit-tisħiħ tal-iskambji elettroniċi tad-data bejn l-aġenziji.

L-għan strateġiku 3 ikopri t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u l-iskambju tad-data, b'mod partikolari permezz tar-riforma tal-qafas legali għal tali miżuri ta' kooperazzjoni u taħriġ tal-kapaċità.

L-għan strateġiku 4 ikopri t-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż: bl-analiżi tal-aħjar prattiki; biż-żieda fit-taħriġ internazzjonali u l-parteċipazzjoni ta' esperti barranin fl-Ukrajna; u bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni formali u informali ma' entitajiet barranin u internazzjonali.

L-għan strateġiku 5 ikopri t-titjib tar-rappreżentanza u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi tal-Ukrajna fil-qradi nazzjonali u fil-ġuriżdizzjonijiet barranin, b'mod partikolari permezz ta' miżuri biex jittejjeb id-disponiment tal-assi u jissaħħa l-irkupru internazzjonali tal-assi.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti

4) Pass 7.6

Isem tal-pass: Adozzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Demografiku għall-perjodu sal-2040
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 6. Funzjonament imtejjeb tas-suq tax-xogħol
Iffinanzjat minn: Self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 7.6 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"Adozzjoni tal-Ordni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna "Dwar l-Approvazzjoni tal-Istrateġija Demografika tal-Ukrajna għall-Perjodu sal-2040". L-Istrateġija tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> - <i>it-titjib tas-sitwazzjoni fil-qasam tal-fertilità;</i> - <i>it-tnaqqis tal-mortalità prematura, speċjalment fost l-irġiel fl-età tax-xogħol;</i> - <i>li jingħelbu x-xejriet negattivi tal-migrazzjoni, permezz tar-ritorn tal-migranti sfurzati, billi jiġu attirati rappreżentanti tad-dijaspora barranija lejn l-Ukrajna, eċċ.;</i> - <i>il-promozzjoni tal-lonġevità attiva;</i> - <i>il-ħolqien ta' prekondizzjonijiet tal-infrastruttura u tas-sigurtà għat-titjib tas-sitwazzjoni demografika."</i> Il-pass 7.6 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 6 tal-Kapitolu 7 (Kapital Uman) dwar il-funzjonament imtejjeb tas-suq tax-xogħol. Ir-Riforma 6 għandha pass addizzjonali 7.7, dovut fit-tieni trimestru tal-2026, immirat lejn l-adozzjoni tal-Istrateġija dwar l-Impjiegi tal-Popolazzjoni.
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tal-Ordni Nru 922-r tal-Kabinett tal-Ministri "Dwar l-Approvazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Demografiku tal-Ukrajna għall-perjodu sal-2040" bid-data tat-30 ta' Settembru 2024; 3) Kopja tal-"Istrateġija Demografika tal-Ukrajna għall-Perjodu sal-2040" bħala dokument meħmuż mal-Ordni Nru 922-r bid-data tat-30 ta' Settembru 2024.
Analiżi Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' prova ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 7.6.

Il-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna adotta l-Ordni Nru 922-r mit-30 ta' Settembru 2024 "*Dwar l-Approvazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Demografiku tal-Ukrajna għall-perjodu sal-2040*" (minn hawn 'il quddiem "l-istrateġija"). L-istrateġija hija meħmuża mal-Ordni approvata Nru 922-r u ser tkun akkumpanjata minn pjanijiet ta' azzjoni abbozzati regolament għal intervalli ta' tliet snin. L-ewwel "*Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Demografiku tal-Ukrajna għall-perjodu sal-2040*" jispeċifika l-azzjonijiet ta' politika għall-2024-2027. Il-miżuri proposti ser jappoġġaw lill-Ukrajna fil-kisba tal-oġġettivi tal-istrateġija.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna aggravat ħafna mill-isfidi demografiċi prevalenti li qed tiffaċċa l-Ukrajna. Minbarra n-numru kbir ta' Ukreni li qed jaħarbu mill-aggressjoni militari Russa, l-aggressjoni armata kkawżat żieda sinifikanti fil-mortalità tal-Ukreni minħabba l-ġlied u l-attakki fuq iċ-ċivili. L-istrateġija ttipprovi analiżi tas-sitwazzjoni demografika attwali tal-pajjiż u tidentifika sitt għanijiet strateġiċi biex jittaffew il-kwistjonijiet. L-implimentazzjoni ta' politiki effettivi li jtejbu s-sitwazzjoni demografika hija kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni fejn qed isir it-taqbid u għall-pajjiż kollu.

L-istrateġija għandha l-għan li ttejjeb is-sitwazzjoni fil-qasam tal-fertilità permezz ta' titjib fil-kura tas-saħħa riproduttiva, il-promozzjoni ta' ambjent favur il-familja, iż-żieda tal-awtosuffiċjenza ekonomika tal-familji u l-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja. Barra minn hekk, l-istrateġija tissuġġerixxi l-għoti ta' appoġġ komprensiv mill-Istat għall-familji.

Barra minn hekk, l-istrateġija tiffoka fuq it-tnaqqis tal-mortalità prematura, speċjalment fost l-irġiel fl-età tax-xogħol. Tiddekrivi modi biex jittejbu l-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni ta' mard li ħafna drabi jwassal għal mortalità prematura jew telf ta' saħħa. Għandha l-għan li żżid l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-kura medika u tnaqqas il-fatturi ta' riskju għal korrimment jew mortalità fil-ħajja ta' kuljum. Barra minn hekk, l-istrateġija tippromwovi stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa inkluż permezz tal-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi u żoni ta' rikreazzjoni.

L-istrateġija għandha l-għan li tegħleb ix-xejriet negattivi tal-migrazzjoni billi tippromwovi r-ritorn volontarju tal-Ukreni li qed jaħarbu mill-aggressjoni militari Russa, u billi tintensifika l-kuntatti uffiċjali mad-dijaspora Ukrena. Barra minn hekk, l-istrateġija għandha l-għan li tnaqqas l-emigrazzjoni taż-żgħażaġh mill-Ukrajna, u li tiffaċilita l-immigrazzjoni biex tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

Barra minn hekk, l-istrateġija tippromwovi t-tixjiħ attiv u l-lonġevità billi tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol, billi tiżgura appoġġ għas-saħħa u l-benesseri tagħhom u permezz ta' attivitajiet ta' appoġġ indirizzati lilhom.

Fl-aħħar nett, l-istrateġija tiffoka fuq il-ħolqien ta' infrastruttura u kundizzjonijiet ta' sigurtà għat-titjib tas-sitwazzjoni demografika. L-Ukraina ser tieħu miżuri biex tiffirma ambjent sikur u biex iżżid il-livell ta' fiduċja taċ-ċittadini fl-istat. Barra minn hekk, l-istrateġija tinkludi sforzi biex tiġi pprovduta akkomodazzjoni liċ-ċittadini f'konformità mal-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tagħhom u biex jittejbu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-infrastruttura.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti

5) Pass 8.1

Isem tal-pass: Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Deregolamentazzjoni
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 1. Ambjent Regulatorju Mtejjeb
Iffinanzjat minn: Self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 8.1 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"Adozzjoni tal-Ordni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna dwar l-approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-deregolamentazzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni jiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> <i>- tnaqqis u diġitalizzazzjoni tar-regolamenti dwar l-aċċess għas-suq;</i> <i>- tibdil tal-mudell punittiv u ripressiv tas-superviżjoni mill-istat (kontroll) għal wieħed preventiv (approċċ orjentat lejn ir-riskju); kif ukoll</i> <i>- tnaqqis tan-numru ta' funzjonijiet superviżorji u ta' kontroll."</i> Il-pass 8.1 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 1 tal-Kapitolu 8 (Ambjent tan-Negożju). Ir-riforma 1 għandha pass addizzjonali 8.2, dovut fit-tielet trimestru tal-2025, immirat lejn id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-deregolamentazzjoni f'setturi speċifiċi.
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tal-Ordni Nru 838-p tal-Kabinett tal-Ministri "Dwar l-Emendi tal-Ordni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna bid-data tal-4 ta' Diċembru 2019 Nru 1413" bid-data tat-3 ta' Settembru 2024; 3) Kopja tal-"Pjan ta' Azzjoni dwar id-deregolamentazzjoni tal-attività ekonomika u t-titjib tal-klima tan-negożju" adottat bħala dokument mehmuż mal-Ordni Nru 838-9 bid-data tat-3 ta' Settembru 2024; 4) Dokument li pprovda spjegazzjoni għal kull waħda mill-miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni.
Analiżi Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni

jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 8.1.

Il-Pjan ta' Azzjoni ġie adottat fit-3 ta' Settembru 2024 mill-Kabinett tal-Ministri. Dan jiddeskrivi l-kompiti li għandhom jitmexxew 'il quddiem, l-entitajiet responsabbli u l-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni.

Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi 99 miżura f'oqsma differenti ta' attività ekonomika biex jitnaqqsu r-regolamenti dwar l-aċċess għas-suq u n-numru ta' funzjonijiet superviżorji u ta' kontroll. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jissimplifikaw il-proċessi, inaqqsu l-piżijiet regolatorji, u jeliminaw strumenti regolatorji li jikkoinċidu, kontradittorji u obsoleti. Dawn ser jiġu implimentati bejn it-tielet trimestru tal-2024 u r-raba' trimestru tal-2025.

Il-miżuri jinkludu t-tneħħija ta' numru ta' funzjonijiet ta' sorveljanza u ta' kontroll tal-istat, fejn jinstab li huma skaduti, sostitwiti minn regolamenti aktar ġodda, jew qed jipproduċu piżijiet regolatorji mhux raġonevoli fuq in-negozji. Eżempji jinkludu: it-tneħħija ta' numru ta' permessi li ma għadhomx previsti mil-liġi u fejn il-proċedura għall-kisba ma għadhiex teżisti; it-tneħħija tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' estratti stampati minn reġistri elettroniċi miftuħa; ir-revoka tar-rekwiżit għan-negozji li jiksbu ċertifikat ta' reġistrazzjoni għall-iżvilupp ta' parks teknoloġiċi ġodda; u r-revoka ta' numru ta' kontrolli u ta' permessi għan-negozjar u t-twettiq ta' impriżi konġunti ma' negozji barranin.

Il-Pjan jistabbilixxi wkoll miżuri dwar id-diġitalizzazzjoni tar-regolamenti dwar l-aċċess għas-suq, primarjament permezz tal-Azzjoni 31 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ta' liċenzjar. L-Azzjoni 26 tipproponi wkoll l-introduzzjoni ta' sistema għall-assigurazzjoni volontarja tar-responsabbiltà ċivili tal-imprendituri u l-awditjar volontarju tal-attivitajiet tagħhom. L-oġettiv huwa li jitnaqqas in-numru ta' miżuri superviżorji u ta' kontroll u li jkun hemm bidla lejn approċċ aktar preventiv u orjentat lejn ir-riskju. Il-miżura ser issaħħaħ ukoll ir-responsabbiltà tal-uffiċjali tal-istat għall-ksur tar-rekwiżiti superviżorji.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti

6) Pass 9.5

Isem tal-pass: Adozzjoni ta' riżoluzzjonijiet biex tiġi emendata l-Istrateġija tal-Istat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-2021–2027
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 3. Żvilupp u implimentazzjoni tal-politika reġjonali
Iffinanzjat minn: Self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 9.5 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>Adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna "Dwar l-Emendi tal-Istrateġija tal-Istat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-2021-2027, approvata bir-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna Nru 695 tal-5 ta' Awwissu 2020".</i> <i>Ir-riżoluzzjoni tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> - l-iżvilupp ta' governanza f'diversi livelli, l-approssimazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-iżvilupp reġjonali mal-proċeduri u l-aħjar prattiki tal-UE; - il-promozzjoni ta' sħubijiet, il-kooperazzjoni intermuniċipali, interreġjonali u transfruntiera; - l-iżvilupp tal-kapaċità istituzzjonali tal-komunitajiet u r-reġjuni territorjali f'termini tal-ġestjoni tal-proġetti, id-diġitalizzazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ippjanar strateġiku." Il-pass 9.5 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 3 tal-Kapitolu 9 (Deċentralizzazzjoni u Politika Reġjonali). Ir-riforma 3, li tikkonċerna l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika reġjonali, tinkludi l-pass addizzjonali 9.6 , dovut fir-raba' trimestru tal-2024, u li għandu l-għan li jiżviluppa ppjanar urban fil-livell lokali.
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 940 tal-Kabinett tal-Ministri "Dwar l-Emendi tal-Istrateġija tal-Istat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-2021-2027" bid-data tat-13 ta' Awwissu 2024.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u l-evidenza pprovduti mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-aspetti kostituttivi kollha tal-pass 9.5.

Il-Kabinett tal-Ministri approva l-emenda tal-Istrateġija tal-Istat għall-Iżvilupp Reġjonali 2021-2027 fit-13 ta' Awwissu 2024. L-istrateġija ġiet aġġornata biex tindirizza aħjar l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna, biex tiffaċilita l-proċess ta' rkupru u rikostruzzjoni, u twieġeb għar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport dwar it-Tkabbir tal-2023 tal-Kummissjoni. L-istrateġija għandha tliet għanijiet strateġiċi: i) il-formazzjoni ta' stat magħqud fid-dimensjonijiet soċjali, umanitarji, ekonomiċi, ekoloġiċi, tas-sigurtà u spazjali; ii) iż-żieda fil-kompetittività tar-reġjuni; u iii) l-iżvilupp ta' governanza effettiva f'diversi livelli.

L-istrateġija tappoġġa l-iżvilupp ta' governanza f'diversi livelli permezz ta' żewġ għanijiet operattivi u mira li s-sistemi ta' ġestjoni tal-iżvilupp reġjonali jitqarrbu lejn il-proċeduri u l-aħjar prattiki tal-UE. Il-miżuri jinkludu titjib leġiżlattiv, delineazzjoni aktar ċara tas-setgħat, sistema biex tiżdied il-konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Karta Ewropea dwar l-Awtonomija Lokali, u mekkaniżmu biex tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar bejn il-livelli differenti ta' gvernijiet u l-amministrazzjoni pubblika.

Barra minn hekk, l-istrateġija tidentifika l-iżvilupp ta' sħubijiet, il-kooperazzjoni intermuniċipali, interreġjonali u transfruntiera bħala prijarità ewlenija. Din hija appoġġata minn żewġ għanijiet operazzjonali, immirati lejn l-iżvilupp ta' diversi forom ta' kooperazzjoni, inklużi sħubijiet internazzjonali fil-livell reġjonali u lokali, u l-approfondiment tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet lokali. Il-Programm tal-Istat għall-Iżvilupp tal-Kooperazzjoni Transfruntiera għall-2021-2027 huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għal dawn l-għanijiet, inkluż li jgħib il-kundizzjonijiet għall-iffirmar ta' ftehimiet dwar il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet eżekuttivi lokali u l-korpi tal-awtonomija lokali u l-unitajiet territorjali amministrattivi rilevanti tal-pajjiżi tal-fruntiera.

L-iżvilupp tal-kapaċità istituzzjonali huwa identifikat ukoll bħala prijarità ewlenija. Dan jinkludi ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni u t-titjib tal-livell tal-ħiliet u l-kompetenzi professjonali tal-impjegati taċ-ċivil u tal-uffiċjali tal-gvern lokali. Il-kompetenzi ewlenin identifikati fl-istrateġija jinkludu l-ippjanar strateġiku, il-forniment ta' servizzi muniċipali, l-ibbaġitjar, l-attrazzjoni tal-investimenti, u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet biex jiżdiedu r-responsabbiltà u t-trasparenza tal-korpi statali u dawk tal-awtonomija lokali fil-livelli kollha.

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni qed titwettaq permezz tat-tnaqqis ta' opportunitajiet għal imġiba korrotta, inkluż permezz ta' miżuri bħal żieda fid-diġitalizzazzjoni, ir-responsabbiltà u t-trasparenza fl-affarijiet pubbliċi. Statistika municipli mtejba, sistema koordinata ta' ppjanar tal-iżvilupp spazjali, u sistema ġeoinformazzjoni unifikata għall-monitoraġġ huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għal kapacià istituzzjonali mtejba. Element importanti huwa l-implimentazzjoni ta' sistema diġitali unika għall-ġestjoni trasparenti u responsabbli tal-proġetti kollha ta' rkupru u żvilupp (DREAM). Dan jinkludi approċċ immexxi mid-data għall-prijoritizzazzjoni tal-programmi u tal-proġetti.

L-istrateġija tiddekrivi l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-progress immexxi mill-Ministeru għall-Komunitajiet, it-Territorji u l-Iżvilupp tal-Infrastruttura tal-Ukrajna, b'enfasi fuq it-traċċar u l-analiżi tad-devjazzjonijiet fl-indikaturi mill-miri bil-ħsieb li tiġi aġġustata l-implimentazzjoni jekk ikun meħtieġ. L-evalwazzjonijiet interni u esterni tal-istrateġija u l-implimentazzjoni tagħha ser jitwettqu biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni u tiġi aġġustata kif xieraq.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti

7) Pass 10.8

Isem tal-pass: Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-liġi tar-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa (REMIT, Regulation on Wholesale Energy Market Integrity and Transparency)
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 3. Riforma tas-suq tal-elettriku
Iffinanzjat minn: Self
Kuntest: Ir-rekwiżit għall-pass 10.8 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-liġi REMIT. Il-NEURC tapprova dawn il-proċeduri u r-rekwiżiti:</i> - <i>il-proċedura għall-akkwist, is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-istatus ta' amministratur tat-trasferiment tad-data;</i> - <i>il-proċedura għall-funzjonament ta' pjattaformi ta' informazzjoni privileġġata;</i> - <i>ir-rekwiżiti biex jiġu żgurati l-integrità u t-trasparenza fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa;</i> - <i>il-proċedura għall-Preżentazzjoni tal-Informazzjoni dwar Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Kummerċjali ma' Prodotti tal-Enerġija bl-Ingrossa</i> <i>Tħejjija tat-Termini ta' Referenza għall-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni li tiddefinixxi l-funzjonijiet li ġejjin tal-NEURC: is-sistema ser tiġi integrata mas-sistemi tal-operaturi tas-suq, il-pjattaformi ta' informazzjoni privileġġata, l-amministraturi tat-trasferiment tad-data u ser tidentifika informazzjoni li tindika l-preżenza ta' abbuż"</i> Il-pass 10.8 huwa wieħed mill-erba' passi għall-implimentazzjoni tar-Riforma 3. Ir-riforma tas-Suq tal-Elettriku, li mistennija titlesta sat-tieni trimestru tal-2026.
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Kummissjoni Regolatorja Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Utilitajiet (minn hawn 'il quddiem, "NEURC", National Energy and Utilities Regulatory Commission) Nru 2613 "Dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura għall-Akkwist, is-Sospensjoni u t-Terminazzjoni tal-Istatus ta' Amministratur tat-Trasferiment tad-Data" bid-data tas-27 ta' Diċembru 2023; 3) Kopja tar-Riżoluzzjoni tal-NEURC Nru 137 "Dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura għall-Funzjonament ta' Pjattaformi ta' Informazzjoni Privileġġata" bid-data tas-16 ta' Jannar 2024; 4) Kopja tar-Riżoluzzjoni tal-NEURC Nru 614 "Dwar l-Approvazzjoni tar-Rekwiżiti biex jiġu żgurati l-Integrità u t-Trasparenza fis-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa" bid-data tas-27 ta' Marzu 2024; 5) Kopja tar-Riżoluzzjoni tal-NEURC Nru 618 "Dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni dwar Operazzjonijiet Ekonomiċi u Kummerċjali Relatati ma' Prodotti tal-Enerġija bl-Ingrossa" bid-data tas-7 ta' Marzu 2024;

- 6) Kopja tat-Termini ta' Referenza għall-iżvilupp tas-sistema ta' informazzjoni tal-IT tar-REMIT iffirmata kif xieraq mir-rappreżentant tal-kuntrattur li jkun żviluppa l-proposta u mir-rappreżentant tal-NEURC;
- 7) Kopja tal-protokoll intern Nru 119-n tal-NEURC bid-data tas-26 ta' Settembru 2024 li japprova t-Termini ta' Referenza għall-iżvilupp tas-sistema ta' informazzjoni tal-IT tar-REMIT.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 10.8.

Il-Kummissjoni Regolatorja Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Utilitajiet (NEURC) adottat il-leġislazzjoni sekondarja rilevanti kollha dwar il-liġi tar-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa (REMIT). Il-Parlament adotta l-liġi primarja REMIT (Dwar l-Emendi ta' Ċerti Liġijiet tal-Ukrajna dwar il-Prevenzjoni tal-Abbuż fis-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa) fl-10 ta' Mejju 2023.

Ir-Risoluzzjoni Nru 2613 ġiet adottata fis-27 ta' Diċembru 2023 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024, wara l-pubblikazzjoni tagħha fuq is-sit web tal-NEURC fid-29 ta' Diċembru 2023. Din tistabbilixxi l-proċeduri għall-akkwist, is-sospensjoni u r-revoka tal-istatus ta' amministratur tat-trasferiment tad-data (DTA, data transfer administrator). Sabiex jiksbu l-istatus ta' DTA, l-applikanti jeħtieġ li jikkonformaw mar-Risoluzzjoni u l-ispeċifikazzjoni teknika pprovduta mir-regolatur matul il-proċess ta' applikazzjoni. Jekk applikant ikun konformi u wara li jkun lesta b'suċċess fażi tal-ittestjar dwar l-użu tas-software, il-NEURC tista' tagħti l-istatus ta' DTA lill-applikant. Jekk id-DTA jikser xi wħud mill-proċeduri stabbiliti minn din ir-Risoluzzjoni u ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu dwar is-sottomissjoni tal-informazzjoni lir-regolatur, ir-regolatur jista' jissospendi l-istatus tiegħu ta' DTA. Ir-Risoluzzjoni tidentifika wkoll lista ta' ċirkostanzi differenti li fihom l-istatus ta' DTA jista' jiġi revokat b'mod permanenti.

Ir-Risoluzzjoni Nru 137 ġiet adottata fis-16 ta' Jannar 2024 u daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2024, wara l-pubblikazzjoni tagħha fuq is-sit web tal-NEURC fit-22 ta' Jannar 2024. Din tistabbilixxi l-proċeduri li jikkonċernaw il-funzjonament ta' pjattaformi ta' informazzjoni privileġġata (minn hawn 'il quddiem, "pjattaformi"). B'mod partikolari tipprevedi i) proċeduri għal informazzjoni privileġġata li għandha tiġi inkluża fir-reġistru tal-amministraturi tal-pjattaformi li jiġbru u jirreġistraw informazzjoni dwar l-amministraturi tal-pjattaformi; ii) rekwiżiti li jikkonċernaw il-funzjonament tal-pjattaformi u l-obbligi tal-amministraturi tal-pjattaformi; iii) rekwiżiti li jikkonċernaw id-divulgazzjoni ta' informazzjoni privileġġata mill-amministraturi tal-pjattaformi; iv) dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni tal-funzjonijiet tal-amministratur tal-pjattaforma u dwar l-esklużjoni tal-amministratur tal-pjattaforma mir-reġistru.

Ir-Riżoluzzjoni Nru 614 ġiet adottata fis-27 ta' Marzu 2024 u daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2024, ħlief għall-Kapitolu 4 li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2024, wara l-pubblikazzjoni tagħha fuq is-sit web tal-NEURC fit-28 ta' Marzu 2024. Din tistabbilixxi sett ta' rekwiżiti biex jiġu żgurati l-integrità u t-trasparenza fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, u biex tittejjeb il-kompetizzjoni. B'mod partikolari r-rekwiżiti jiddeterminaw i) lista ta' mgħiba manipulattiva potenzjali fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa; ii) restrizzjonijiet dwar kif għandha tiġi ttrattata informazzjoni privileġġata; iii) rekwiżiti għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni privileġġata; iv) rekwiżiti li japplikaw għall-professjonisti li għandhom x'jaqsmu mal-operazzjonijiet li jikkonċernaw prodotti tal-enerġija bl-ingrossa; v) sinjali li jindikaw imġiba suspettuża potenzjali fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa; vii) prinċipji għall-kooperazzjoni bejn ir-regolatur u l-Bord Regulatorju tal-Komunità tal-Enerġija.

Ir-Riżoluzzjoni Nru 618 ġiet adottata fis-27 ta' Marzu 2024 u daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2024, wara l-pubblikazzjoni tagħha fuq is-sit web tal-NEURC fid-29 ta' Marzu 2024. Din tapplika għall-parteċipanti fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, għall-amministraturi tat-trażmissjoni tad-data, u għall-professjonisti li jorganizzaw operazzjonijiet bi prodotti tal-enerġija bl-ingrossa. Hija tistabbilixxi l-proċeduri għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-NEURC dwar: i) operazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali relatati ma' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa; ii) data bażika dwar is-swieq tal-elettriku; iii) data bażika dwar is-suq tal-gass naturali.

Kif irrapportat mill-protokoll intern Nru 119-n tal-NEURC, il-NEURC iffinalizzat it-tnejn ta' Termini ta' Referenza għall-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni li tiddefinixxi l-funzjonijiet tar-regolatur innifsu. It-Termini ta' Referenza ffirmati bejn il-Kap tal-NEURC u l-kuntrattur li pprovda appoġġ tekniku fit-tnejn ta' Termini ta' Referenza tad-dokument jistabbilixxu l-funzjonijiet tal-integrazzjoni tas-sistema mas-sistemi tal-operaturi tas-suq u d-detezzjoni ta' informazzjoni li tindika l-preżenza ta' abbuż. Tiddefinixxi wkoll il-funzjonijiet attribwiti lill-pjattaformi ta' informazzjoni privileġġata u lill-amministraturi tat-trasferiment tad-data.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti

8) Pass 15.1

Isem tal-pass: Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni dwar il-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġis industrijali b'applikazzjoni parzjali tad-dispożizzjonijiet
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 1. Prevenzjoni, tnaqqis u kontroll tat-tniġġis industrijali
Iffinanzjat minn: Appoġġ mhux ripagabbli
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 15.1 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-Ukrajna dwar l-Iżgurar tad-Drittijiet Kostituzzjonali taċ-ċittadini għal ambjent sikur għall-ħajja u s-saħħa b'applikazzjoni parzjali tad-dispożizzjonijiet. Il-liġijiet amministrattivi għandhom jiġu adottati fi żmien 12-il xahar u xi dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni tas-sejbiet tal-aħjar teknoloġiji u metodi ta' ġestjoni disponibbli fi żmien 4 snin wara t-terminazzjoni tal-liġi marzjali, ħlief għall-installazzjonijiet li jibdew joperaw għall-ewwel darba.</i> <i>Il-liġi għandha l-għan li tipprevjeni, tnaqqas u tikkontrolla t-tniġġis industrijali u tintroduċi approċċi integrati għall-permessi u l-kontroll tat-tniġġis industrijali bbażati fuq l-applikazzjoni tal-aħjar teknoloġiji u metodi ta' ġestjoni disponibbli skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (riformulazzjoni)"</i>
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3855-IX dwar "L-iżgurar tad-dritt kostituzzjonali taċ-ċittadini għal ambjent sikur għall-ħajja u s-saħħa" bid-data tat-8 ta' Awwissu 2024.
Analiżi Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 15.1. Il-Liġi tal-Ukrajna dwar l-iżgurar tad-drittijiet kostituzzjonali taċ-ċittadini għal ambjent sikur għall-ħajja u s-saħħa daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2024. Kif definit fl-Artikolu 29(1) tal-liġi, id-dispożizzjonijiet tal-liġi għandhom jidħlu fis-seħħ 12-il xahar wara l-applikazzjoni tagħha bl-eċċezzjoni tal-

Artikolu 29(9). Kif definit fl-Artikolu 29(2), id-dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni tas-sejbiet tal-aħjar teknoloġiji u metodi ta' ġestjoni disponibbli għandhom jiġu applikati mhux qabel erba' snin mid-data tat-tmiem tal-liġi marzjali biss, ħlief għal installazzjonijiet li bdew joperaw għall-ewwel darba.

Il-liġi attwali tirregola t-tniġġis li jirriżulta minn proċessi ta' produzzjoni industrijali u tittrasponi parzjalment id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis). Il-liġi tintroduċi l-kunċett ta' "permess ambjentali integrat" fl-Artikolu 3 li jrid jinkiseb qabel it-tħaddim ta' kwalunkwe installazzjoni li twettaq attivitajiet li jistgħu jikkawżaw tniġġis. Il-liġi għandha approċċ integrat u tobbliha lill-awtoritajiet jikkunsidraw il-prestazzjoni ambjentali matul il-ħajja ta' impjant fil-proċess tal-permessi. Hija tordna l-użu tal-aħjar teknoloġiji u metodi ta' ġestjoni disponibbli, u tirregola l-emissjonijiet, il-ġestjoni tal-iskart, l-użu tal-ilma, u l-impatt ambjentali.

Il-preambolu tal-liġi jistabbilixxi l-prinċipji għall-"prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll" tat-tniġġis industrijali. Dan huwa ddefinit ulterjorment fl-Artikolu 2(1) li jiddikjara li l-liġi tirregola l-qasam tal-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġis li jirriżulta mill-attivitajiet minn attività industrijali kif definiti fl-anness tal-liġi. L-approċċ integrat għall-ġoti ta' permessi huwa definit fl-Artikolu 3. Il-liġi għandha l-għan li tirrispetta l-prinċipji b'approċċ integrat għall-permessi u l-kontroll tat-tniġġis industrijali bbażat fuq l-aħjar teknoloġiji u metodi ta' ġestjoni disponibbli. Dawn id-dispożizzjonijiet huma konformi mad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (riformulazzjoni).

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti

9) Pass 15.10

Isem tal-pass: Żvilupp ta' nota kunċettwali li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-devjazzjonijiet mir-regoli tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) u tal-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS).
Riforma/Investiment Relatati: Riforma 6. Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) u Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS)
Iffinanzjat minn: Self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 15.10 deskritt fl-anness tas-CID huwa: <i>"It-tnejn u l-pubblikazzjoni fuq is-sit web uffiċjali tal-Ministeru għall-Protezzjoni tal-Ambjent u r-Riżorsi Naturali tan-nota kunċettwali wara konsultazzjonijiet pubbliċi mal-partijiet ikkonċernati li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tad-derogi mir-regoli tal-VIA u tal-VAS. In-nota kunċettwali tinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar:</i> - il-korp li jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tad-derogi mill-obbligi tal-VIA u tal-VAS; - id-deskrizzjoni tal-oġġetti u spjegazzjoni għaliex huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga f'kull każ speċifiku; - il-ġustifikazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-derogi; - il-limiti ta' żmien għad-derogi mogħtija." Il-pass 15.10 huwa l-uniku pass tar-Riforma 6 tal-Kapitolu 15 (Tranżizzjoni ekoloġika u protezzjoni ambjentali).
Evidenza pprovduta 1) Dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447; 2) Kopja tan-Nota Kunċettwali li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tad-devjazzjonijiet mir-regoli tal-VIA u tal-VAS, kif ippubblikata fit-18 ta' Settembru 2024; 3) Kopja tal-protokoll mid-diskussjoni pubblika tan-Nota Kunċettwali li tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-devjazzjonijiet mir-regoli tal-VIA u tal-VAS bid-data tal-14 ta' Mejju 2024; 4) Hyperlink għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Protezzjoni Ambjentali u r-Riżorsi Naturali u ritratt tal-iskrin; 5) Hyperlink għall-pubblikazzjoni fejn tħabbru l-konsultazzjonijiet pubbliċi u ritratt tal-iskrin.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 15.10.

In-nota tħejjiet mill-Ministeru għall-Protezzjoni Ambjentali u r-Riżorsi Naturali u għet ippubblikata fuq is-sit web tiegħu. Din kienet preċeduta minn konsultazzjonijiet pubbliċi bejn it-30 ta' April u t-30 ta' Mejju 2024. Fl-14 ta' Mejju 2024 sar dibattitu online bil-parteċipazzjoni ta' 95 rappreżentant tal-partijiet ikkonċernati kif ikkonfermat fil-protokoll tal-laqgħa.

In-nota kunċettwali tiddikjara li l-korp ewlieni responsabbli għad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-derogi mill-VIA huwa l-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna. F'numru limitat ta' każijiet tali deċiżjonijiet jittieħdu mill-Parlament tal-Ukrajna. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-derogi mis-SEA huwa ddeterminat biss mill-Parlament.

In-nota kunċettwali tinkludi deskrizzjoni tal-oġġetti u spjegazzjoni ta' għaliex dawn l-oġġetti huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga. Fil-każ tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, ir-regoli ġenerali huma stabbiliti fl-Artikolu 3 tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 2132-IX tal-15 ta' Marzu 2022 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali. Id-derogi jistgħu jiġu applikati jekk ikollhom l-għan esklużiv li jiżguraw id-difiża u s-sigurtà tal-enerġija tal-istat, u li jeliminaw il-konsegwenzi tal-emerġenzi u l-konsegwenzi tal-aggressjoni militari kontra l-Ukrajna. B'referenza għad-derogi fl-applikazzjoni tal-VAS, in-nota kunċettwali tiddekrivi t-tipi ta' programmi eżentati u r-rwol tagħhom fil-proċess ta' restawr ta' territorji affettwati minn aggressjoni armata.

Il-possibbiltà ta' deroga mit-twettiq ta' VIA hija ġġustifikata mill-ħtieġa li tiġi żgurata d-difiża tal-istat, jittaffew l-effetti ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza u jiġu kkompensati l-effetti tal-aggressjoni armata kontra l-Ukrajna matul il-perjodu tal-liġi marzjali. Id-derogi tal-VAS huma ġġustifikati f'żoni soġġetti għal programmi ta' restawr li ġew affettwati mill-aggressjoni armata kontra l-Ukrajna jew fejn huma kkonċentrati kriżijiet soċjoekonomiċi, infrastrutturali, ambjentali jew kriżijiet oħra.

Skont in-nota kunċettwali, id-derogi kollha tal-EIA huma temporanji, u l-biċċa l-kbira minnhom huma relatati mal-perjodu ta' applikazzjoni tal-liġi marzjali. F'numru limitat ta' każijiet relatati mal-immaniġġjar tal-iskart li jirriżulta mill-qerda, id-deroga tista' tiġi applikata matul il-liġi marzjali u għal 90 jum wara li titneħħa. Għal żewġ siti speċifiċi hija pprovduta biss deroga ta' darba. Id-derogi mill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-VAS għal programmi kbar ta' restawr u żvilupp huma limitati fiż-żmien mid-durata ta' dawn il-programmi.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: Ksib sodisfaċenti
